MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Numru. 583/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR NEZREN GRIXTI**

**KONTRA**

**NICHOLAS ABELA AYLING ta' 38 sena, iben Herbert u Carmen nee' Schembri, imwieled tas-Sliema nhar it-02.08.1971, residenti fil-fond numru 22, Comftably, Triq il-Misk, Fgura, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 400 371M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Nicholas Abela Ayling** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-5 ta' Gunju, 2006 u matul dawn l-ahhar xahar qabel din id-data gewwa Haz-Zebbug, u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(A) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi ikkommetta dan ir-reat fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta (folio 2, Dok N22) u s-sussegwenti Kontro Ordni a folio 174, dejjem ai termini ta' l-istess Kapitolu.

Rat li l-imputat wiegeb illi ma kinx hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu (folio 10);

Rat illi gia' fi stadju bikri tal-proceduri l-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputat kellu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi l-Qorti kellha tinzel zewg gradi fil-piena li kellha, f'kaz ta' htija, tigi mposta fuqu (folio 24);

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet id-debita sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta' l-istess Ufficjal Prosekutur irrizulta li hu flimkien ma' ufficjali tal-pulizija waqqaf lill-imputat gewwa Triq Hal-Qormi, Haz-Zebbug, kellu fil-pussess tieghu, gol-vettura circa 500 gramma raza tal-cannabis.

Xehed l-Ispettur li l-imputat instab fil-pussess ta' zewg sapuniet flimkien ma' zewg bicciet ohra li kienu mdawrin fil-foil. Qal l-Ispettur li l-imputat kien mill-ewwel stqarr maghhom illi dawn kien xtrahom minghand certu Briegel Micallef li kien gabhom minn gewwa l-garaxx. Jghid l-

Ispettur li dan Briegel Micallef fil-fatt wara gie nnutat kien ser jitlaq minn fuq il-post u gie mwaqqaf mill-pulizija. Zied l-Ispettur li l-imputat irrilaxxa stqarrija, fiha stqarr li z-zewg sapuniet raza tal-cannabis, kien ghadu kif xtrahom mingahnd certu Briegel Micallef. Ta' dawn kien hallas is-somma ta' Lm280.00. Qallu li Micallef kien fil-fatt gab id-droga minn gol-garaxx u li kienet mohbija go banju antik qalb xi xkejjer. Qallu li hu u Micallef kienu ftehmu fuq dan it-traffikar il-weekend ta' qabel, tant illi l-istess Micallef kien tah bicctejn zaghar ta' cannabis bhala sample biex jippruvahom. Stqarr ma' l-Ispettur li kienet l-ewwel darba li kien xtara minghand Micallef u li l-ammont kollu misjub ghandu, kien biss ghall-uzu personali tieghu. Spjega lill-Ispettur li kien bejn wiehed u iehor juza tlitt joints kuljum. Ikkonferma l-Ispettur illi l-imputat ta nformazzjoni mmedjatament ma' l-arrest tieghu.

L-Ispizjar Mario Mifsud, appozitament mahtur fl-Inkjesta Magisterjali, fir-relazzjoni minnu redatta kkonkluda li l-erba' blokki ta' sustanza kannella kellhom ammont totali ta' 492.229 grammi u li kienu raza tal-pjanta cannabis. Il-purita' taghhom kienet ta' 8.32%, vide wkoll relazzjoni Dok MMa a folio 87 – 92.

Kif qal l-Ufficjal Prosekutur l-imputat mhux talli rrilaxxa stqarrija, pero anke ghazel illi jikkonferma l-istess bil-gurament quddiem din il-Qorti kif preseduta. Ghalhekk id-dikjarazzjoni li kellu jipprevalixxi ruhu mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In korraborazzjoni ma' dak li xehed l-Ufficjal Prosekutur xehed ukoll PC 138 Joseph Portelli. Qal illi hu kien qed jaghmel osservazzjoni fuq persuna f'Haz-Zebbug. Dan gibed film bil-video camera. Qal illi hawn ra l-imputat jaghmel kuntatt ma' persuna ohra, jidhlu flimkien go garaxx. Mistoqsi jekk l-imputat darba li hareg minn gol-garaxx, kellux xi haga f'idu, wiegeb illi darba li hareg mill-garaxx kellu oggett f'idu (folio 95).

L-imputat ghazel illi jixhed minn jeddu ghal zewg darbiet quddiem din il-Qorti. L-ewwel darba xehed biex

jikkonferma bil-gurament l-istqarrija minnu rilaxxata. It-tieni darba xehed in difesa.

Fl-istqarrija guramentata kkonferma kelma b'kelma l-istqarrija minnu rilaxxata kif gie hawn fuq riprodott mill-Ispettur Nezren Grixti.

In difesa tieghu xehed illi kien Briegel Micallef li kien offrielu li jiehu minghandu zewg sapuniet – ghalhekk ftehmu bejniethom li kellu jmur ghandu fil-ghaxija biex jaghtih sample. Ghalhekk mar u tah bicctejn. Qal illi mar ghand Briegel id-dar tieghu go Haz-Zebbug. Cempillu Micallef biex jara kif mar biha, wiegeb illi ma tantx kienet tajba, qallu 'Ejja.', u b'Lm280.00 kien ser jaghtih zewg sapuniet. Ftehmu, nizlu gol-garaxx, xehed illi Micallef qalaghhom minn gol-banju, tefagghom go gazzetta tal-U Bet u l-imputat telaq bihom. Jghid illi hawn gie mwaqqaf mill-pulizija. Qal illi hu kien jaf lil Briegel Micallef ghax qabel kien jahdem ma' missieru. Zied ukoll illi hu u Micallef gieli pejpju flimkien.

Spjega li hu, cioe' l-imputat, kuljum kien ipejjep bejn tlieta u hames joints. Ammetta li ghalkemm is-soltu kien jixtri bicciet ta' haxixa ta' l-ghaxra, kien xtara l-kwantita' msemmija ta' Lm280.00 ghax kien rahom bargain (folio 185).

Spjega wkoll illi kien jahdem bhala salesman, li kien johrog mal-familja kif ukoll illi kien ihobb jara l-football. Xehed illi kien jitla' fuq il-bejt fejn kellu kamra u hemm joqghod jobrom, fejn ma kinitx tarah il-mara. Ikkonferma li z-zewg sapuniet li kien xtara kienu ghalih biss.

Ikkonferma wkoll illi Micallef kien tah bicctejn qabel biex jippruvahom.

Xehed ukoll bhala xhud tal-Prosekuzzjoni l-imsemmi Briegel Micallef. Ikkonferma li hu kien jaf lill-imputat ghax kien jahdem maghhom. Qal illi spicca telaq minn maghhom u li kellu jiehu xogholu. Qal illi ltaqa' ma' Abela Ayling u li qaghdu jitkellem. Xehed illi wara cempillu l-gimgha, staqsieh fejn kien qieghed, wiegbu fil-garaxx

jahsel il-van. Qallu li kien sejjer sa hdejh. Kien hawn li talbu pjacir li kellu bicca affarijiet u li kellu jmur igibhielu. Baghtu Birkirkara. Qal li mar ghax bhal speci kien habib tieghu. Qal li ltaqa’ ma’ karozza li waddablu basket bl-affarijiet. Qal li heba dawn l-affarijiet go banju. Qal li tah l-imputat Lm280.00 (folio 125).

Moghtija din ix-xhieda bil-gurament, l-Ufficjal Proskeutur ghadda lill-Qorti dan il-kumment:
*‘….jiena qed inhossni sorprendut u ma nafx x’ser naqbad nistaqsieh ghax din storja kompletament gdida.’* (folio 125).

Mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur x’ghamla kienet din il-karozza li kien qieghed isemmi issa, li skond l-Ufficjal Prosekutur qatt ma kien semma qabel, Micallef wiegeb: *‘Karozza ghandikun Mercedes. Mhux ghandikun, Mercedes zgur. Mercedes griz.’* (folio 126).

Insista l-Ispettur li dak li kien xehed Micallef quddiem din il-Qorti kien totalment differenti minn dak li kien qallu meta kien irrilaxxa lilu stqarrija fi stadju ta’ nvestigazzjoni (folio 127). Kien f’dan l-istadju li l-Ufficjal Prosekutur wera l-intenzjoni li in vista’ tax-xhieda ta’ Micallef quddiem din il-Qorti u dak li kien qal lilu fl-istqarrija, li ried ghalhekk jiddikjarah bhala xhud ostili.

Rat ukoll ir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri, dan fir-rigward ta’ l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. Rat ukoll ir-relazzjoni tal-Espert Joseph Mallia dwar l-impronti digitali misjuba fuq id-droga fil-pussess ta’ l-imputat, li rrizulta fil-pozittiv.

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad illi fl-ewwel lok li l-imputat barra li anke kkopera mal-pulizija fi stadju ta’ nvestigazzjoni, ghazel illi jikkonferma l-istess stqarrija quddiem il-Magistrat Inkwirenti, kif ukoll ghazel illi jixhed quddiem din il-Qorti. Illi kull darba li tkellem l-imputat, senjalament dejjem ta l-istess verzjoni, u cioe’ li d-droga xtraha minghand Briegel Micallef, u li z-zewg blokok li xtara ghall-ammont ta’

Lm280.00 kienu kollha ghalih ghax kienu bi prezz tajjeb. Spjega fil-fatt l-uzu ta' spiss li hu kien jaghmel minn din id-droga ta' kuljum.

Minn naha l-ohra Briegel Micallef ftit kien konvincenti fil-verzjoni li offra bil-gurament – anke tenut kont ta' dak illi xehed l-ufficjal tal-pulizija msemmi PC 138 meta gie maqbud l-imputat.

Illi tant Briegel Micallef kien inveritjier li anke l-Ufficjal Prosekutur li kien hadlu l-istqarrija qabel, wera s-sorpriza tieghu ghal dak li issa qal bil-gurament. Kien ikun aktar car l-Ufficjal Prosekutur kieku mexa bil-procedura ta' xhud ostili fil-konfront ta' Micallef, u ghalhekk wasal biex jezebixxi l-istqarrija minnu mehuda ta' Micallef.

Ikkunsidrat:

Illi verament l-imputat inqabad b'ammont kbir ta' cannabis, li fuqha nefaq ammont konsiderevoli ta' flus. Spjega ghal darba tnejn illi dan ghamlu ghax ghalih kienet bi prezz tajjeb, tenut kont tal-konsum gornaljier u gholi tieghu. Ma nstab xejn aktar li seta' jwassal ghall-prova li l-imputat kellu tali pussess mhux biss ghall-uzu esklussiv tieghu. Fil-fatt ma ngabet ebda prova li l-imputat huwa hati ta' pussess aggravat. Illi in vista' ta' hekk din il-Qorti tista' ssib htija biss ta' pussess semplici. Il-mera ezistenza ta' ammont konsiderevoli ta' droga wahdu ma jwassalx ghall-prova soda u kategorika ta' pussess aggravat.

Rat ghalhekk l-Artikoli 22 (2)(b)(ii), 22 (2) u 22 (9) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkudanna lill-imputat ghal sena (1) habs sospiza ghal sentejn (2) u dan skond l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tikkundannah ukoll ghal multa ta' €1,000. L-imputat ghandu jhallas l-imsemmija multa f'pagamenti mensili ta' €200, dan ai termini ta' l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 533 ta,l-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal €698.77 pagabbli f'pagamenti mensili ta' € 116.50.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------